MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**SAVIOUR DEMICOLI**

Seduta ta' l-24 ta' Novembru, 2009

Numru 1272/2008

**Il-Pulizija**
**(Spettur Joseph Mercieca)**
**vs**

**SHIRLEY MICALLEF**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet li permezz taghhom Shirley Micallef, 30 sena, bint Carmel Micallef u Mary Rose nee' Borg, imwielda Awstralja nhar il-15 ta' Novembru, 1978 u li toqghod nru, 56, Flat 1, Triq San Patrizju, Valletta, detentrici ta' karta ta' l-identita' nru. 343289M giet akkuzata talli:

Fil-31 ta' Ottubru, 2008, u/jew fix-xhur ta' qabel, f'dawn il-Gzejjer, b'diversi atti maghmulin minnha, ukoll jekk fi

zminijiet differenti, w li jiksru l-istess disposizzjonijiet tal-ligi, u li gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda:

1. xjentement laqghet ghandha jew xtrat hwejjeg, u cioe' diversi bicciet ta' gojjellerija, misruqa, mehuda b'qerq, jew akkwistati b'reat, sew jekk dan sar f'Malta jew barra minn Malta, li l-valur taghhom jeccedi il-mitejn u tnejn u tletin Euro u 94 centezmu (E232.94) izda li ma jeccedix l-elfejn tlett mija u disgha w ghoxrin Euro u 37 centezmu (E2329.37), jew, xjentement, b'kull mod li jkun, indahlet biex tbieghhom jew tmexxihom;

2. iktar, talli kisret il-provvediment ta' l-Artiklu 7 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta permezz ta' sentenza datata l-20 ta' Mejju, 2008, liema sentenza saret definittiva u ma tistax tinbidel.

Rat l-atti u id-dokumenti esebiti.

Rat il-kunsens tal-Avukat Generali esebit bhala Dok JM2 fl-atti tal-kawza u nnutat li l-imputata m'ghandhiex oggezzjoni li l-kaz taghha jigi trattat bi procedura sommarja.

Innutat li fis-Seduta tallum l-imputata iddikjarat li hi hatja tal-akkuzi kollha migjuba kontra taghha.

Il-Qorti wissiet lill-imputata bl-aktar mod solenni rigward il-konsegwenzi tal-ammissjoni taghha u taghtha ftit taz-zmien sabiex tiddeciedi jekk tikkonfermax l-ammissjoni taghha jew le, u wara li giet mistoqsija jekk tikkonfermax l-ammissjoni taghha jew le, l-imputata wiegbet li hi hatja tal-akkuzi kollha migjuba kontra taghha.

Innutat li fil-Verbal tas-Seduta tallum l-Ufficjal Prosekutur iddikjara illi minn verifiki li ghamel jirrizulta li l-imputata mill-kommissjoni tar-reati mertu ta' din il-kawza l'hawn ma kellhiex kazijiet godda fil-Qorti. Inoltre l-istess Ufficjal Prosekutur iddikjara li hu konsapevoli li l-imputata ghamlet diversi tentattivi biex telgheb il-problema tal-abbuz mid-droga u konsegwentement umilment issuggerixxa li l-Qorti tikkunsidra li l-imputata titpogga taht Ordni ta' Probation

rigward l-ewwel akkuza migjuba kontra taghha sabiex l-istess imputata tkun assistita biex telgheb il-problema tal-abbuz mid-droga.

Innutat ukoll li fil-Verbal tas-Seduta tallum il-Prokuratur Legali Noel Bianco ghall-imputata iddikjara li jaderixxi ghal dak dikjarat mill-Ufficjal Prosekutur.

Semghat trattazzjoni dwar il-piena.

Rat l-artikolu 334 tal-Kap. 9 u l-artikoli 7 u 21 tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta' Malta.

Issib lill-imputata Shirley Micallef, fuq ammissjoni, hatja tal-akkuzi kollha migjuba kontra taghha u tenut kont ic-cirkostanzi kollha tal-kaz inkluzi l-fatt li l-imputata ammettiet fi stadju bikri tal-kawza u li l-Ufficjal Prosekutur fil-Verbal tas-Seduta tallum iddikjara illi minn verifiki li ghamel jirrizulta li l-imputata mill-kommissjoni tar-reati mertu ta' din il-kawza l'hawn ma kellhiex kazijiet godda fil-Qorti u li hu konsapevoli li l-imputata ghamlet diversi tentattivi biex telgheb il-problema tal-abbuz mid-droga u konsegwentement umilment issuggerixxa li l-Qorti tikkunsidra li l-imputata titpogga taht Ordni ta' Probation rigward l-ewwel akkuza migjuba kontra taghha sabiex l-istess imputata tkun assistita biex telgheb il-problema tal-abbuz mid-droga, inkwantu ghall-ewwel akkuza migjuba kontra l-imputata Shirley Micallef tiddeciedi ai termini tal-artikolu 7(1) tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta' Malta li tpoggi lill-imputata Shirley Micallef taht ordni ta' probation ghal perjodu ta' tlett (3) snin millum u dan bil-ghan li ma jkunx hemm ripetizzjoni ta' reati simili u sabiex l-imputata Shirley Micallef tkun assistita biex telgheb l-abbuz mid-droga u nkwantu ghat-tieni akkuza migjuba kontra l-imputata Shirley Micallef, il-Qorti tikkundanna lill-imsemmija imputata Shirley Micallef ghall-piena ta' Elf, mija u erba' u sittin Euro u disgha u sittin centezmi ta' Euro (Euro 1164.69) multa.

Il-Qorti tordna li d-digriet anness ma' din is-Sentenza dwar il-kundizzjonijiet tal-probation order jifforma parti integrali minn din is-Sentenza.

Il-Qorti tordna n-notifika ta’ kopja ta’ din is-Sentenza u tad-digriet anness ma’ din is-Sentenza lid-Direttur tal-Probation Services sabiex dan jassenja Ufficjal tal-Probation lill-imputata Shirley Micallef.

L-Ufficjal tal-Probation assenjat ghandu jirraporta bil-miktub lil din il-Qorti bil-progress tal-imsemmija Shirley Micallef kull sitt (6) xhur.

Il-Qorti tat lill-imputata Shirley Micallef l-ispjegazzjoni preskritta fis-sub-artikolu 7(7) tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta’ Malta.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM--------------------------------